MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 77/2013

**Premier Leasing and Investments Company Limited**

**Vs**

**L-Avukat Generali, L-Onorevoli Prim'Ministru, Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur Generali Qrati u Tribunali**

**Rikors**.

Permezz ta' rikors prezentat fl-4 ta' Ottubru 2013, ir-rikorrenti ppremettiet u talbet:

*Illi s-socjeta esponenti hija propjettarja ta' vettura tal-ghamla BMW X5 bin-numru tar-registrazzjoni HBE 352 (Mr. Big).*

*Illi s-socjeta esponenti kienet dahlet f'kuntratt ta' Hire Purchase ma' certu Stianu Agius u dan fl-10 ta' Settembru 2007 versu l-prezz ta' €65,222. Kopja tal-kuntratt qed jigi esebit bhala Dok A.*

*Illi minn dan l-ammont thallas l-ammont ta' €20,964 bhala deposit u ghal kumplament gew mahruga kambjali.*

*Illi skond l-istess ftehim din il-vettura kellha tibqa propjeta tas-socjeta esponenti sakemm jithallas il-bilanc.*

*Illi sussegwentement specifikament fl-10 ta' Novembru 2007 il-Pulizija Ezekuttiva ghamlu perkwizizzjoni fid-dar tal-imsemmi Stiano Agius u sabu kilo droga kokaina kif ukoll ammont sostanzjali ta' flus li sussegwentement gew depozitati fil-Bank Centrali ta' Malta, bil-konsegwenza illi Stiano Agius ittressaq il-Qorti u gie akkuzat inter alia bi traffikar ta' droga u inharget ordina ta' frizar fuq l-assi kollha tal-imsemmi Agius. Il-proceduri huma fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Stiano Agius et (Magistrat Dr. M. Hayman).*

*Illi bis-sahha ta' din l-ordni ta' frizar gew affetwati l-assi kollha tal-imsemmi Stiano Agius, b'dan illi l-kreditu tas-socjeta rikorrenti ma setax jigi esegwit. Fil-proceduri kontra Agius gie allegat ukoll illi nstabet id-droga fil-vettura BMW X5 hawn fuq imsemmija, u ghalhekk din giet mizmuma stante li kien hemm il-possibilita' li tirrizulta bhala l-corpus delicti fl-eventwalita' ta' sejbien ta' htija.*

*Illi nel frattemp is-socjeta esponenti pprocediet b'ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jirrendi bhala titolu ezekuttiv l-istess kambjali li kienu*

*mmaturaw pero li ma kienux gew onorati. Skont l-istess ittra ufficjali kopja ta' liema qed tigi esebita bhala Dok B l-ammont dovut kien ta' €44,258.09 u fuq dan l-ammont sa' llum iddekorra imghax ta' €18,657.45 u l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali jammontaw ghal €562.94 skont l-annessa taxxa (Dok C). Dan jaghti total ta' €63,484.48.*

*Illi apparti minn hekk, s-socjeta esponenti, fil-kwalita' taghha ta' kreditrici in buona fede, intavolat numru ta' rikorsi fejn talbet li tithallas il-bilanc dovut skond il-kambjali ezekuttivi hawn fuq imsemmi.*

*Illi dawn id-diversi tentattivi saru inutilment stante li kien hemm oggezzjoni min-naha tal-Kumissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali u per konsegwenza it-talbiet gew michuda.*

*Illi apparti minn hekk, saru rikorsi sabiex tigi rilaxxata l-vettura in kwistjoni izda hawnhekk ukoll, minhabba oggezzjoni da parti tal-Kumissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, dawn it-talbiet gew konsistentement michuda.*

*Illi b'konsegwenza ta' dan kollu s-socjeta esponenti giet ippregudikata u dan nonostante li m'ghandha l-ebda konnessjoni mal-proceduri kriminali kontra Stiano Agius, fil-konfront ta' min hija sempliciment buona fide kreditrici u li l-kreditu taghha jirrisali ghal data ferm qabel ma saret l-ordni ta' frizar in kwistjoni.*

*Illi in effetti s-socjeta esponenti hija sid ta' vettura illi ilha maqbuda mis-sena 2007 bil-konsegwenza li llum il-gurnata l-valur tal-vettura huwa negligibbli.*

*Illi in oltre hemm ukoll anomalija legali peress illi l-Kapitolu 101 u kif ukoll il-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta jippovdu ghall-iffrizar ta' l-assi ta' l-akkuzat u jqieghed fid-diskrezzjoni tal-Qorti talbiet ghar-rilaxx ta' assi fejn ikun hemm drittijiet ta' terzu fuq l-istess assi. Mill-banda l-ohra l-artikolu 23 tal-Kap. 9 jipprekludi lill-Qorti milli tikkonfiska ... meta jkun hemm tali drittijiet ta' terzi. Dan iz-zewg artikoli qed jigu citati hawn taht:*

*Illi l-artikolu 23 tal-Kap. 9 jghid:*

> *"Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament*

*imsemmija fil-ligi, barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti."*

*Illi t-tieni proviso ta' l-artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 jghid:*

*"Izda wkoll l-qorti tista' barra minn dan -*

*(a) tawtorizza l-hlas ta' djun li jkollhom jithallsu mill- akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*

*(b) ghal raġuni tajba tawtorizza lill-akkuzzat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli."*

*Illi din is-sitwazzjoni tikkawza kunflitt u konsegwentement incertezza legali u kwindi hemm ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-konfront ta' l-esponent li wara kollox huwa biss kreditur bona fede u kwindi estraneju mill-proceduri kriminali fuq citati. Dan qed jinghad peress illi filwaqt li l-artikolu 23(1) tal-Kap. 9 jistabbilixxi b'mod car li taht l-ebda cirkostanzi m'ghandu jkun hemm il-konfiska tal-oggetti hemm imsemmija, iz-zewg artikoli l-ohra indikati jaghtu diskrezzjoni lill-Qorti sabiex din taghzel jew tawtorizzax il-hlas jew le lil terz li ma jkollu l-ebda involviment fil-kaz.*

*Illi fis-sentenza Case of Scoppola v Italy*[1] *insibu s-segwenti:*

*"The Court considers that a person charged with an offence must be able to expect the sate to act in good faith and take due account of the procedural choices made by the defence, using the possibilities made available by law. It is contrary to the principle of legal certainty and the protection of the legitimate trust for person engaged in judicial proceedings for a State to be able to reduce unilaterally the advantages attached to the waiver of certain rights inherent in the concept of fair trial."*

*Illi din is-sentenza tkompli hekk:*

[1] Application No. 10249/03; deciza fis-17 ta' Settembru 2009.

> *"It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. <u>This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable</u>."[2] (enfasi ta' l-esponent).*

*Illi in oltre fis-sentenza Case Of Samoylovich V. Ukraine[3]:*

> *"The Court reiterates that where deprivation of liberty is concerned it is particularly important that the general principle of legal certainty be satisfied. It is therefore essential that the conditions for deprivation of liberty under domestic law be clearly defined and that the law itself be foreseeable in its application (see Baranowski v. Poland, no. 28358/95, § 52, ECHR 2000-III)."*

*Illi b'konsegwenza ta' dan kollu s-socjeta esponenti giet ippregudikata u dan nonostante li m'ghandha l-ebda konnessjoni tal-proceduri kriminali kontra Stiano Agius, fil-konfront ta' min hija semplicmement buona fide kreditrici.*

*Illi in effetti s-socjeta esponenti hija sid ta' vettura, illi giet maqbuda bil-freezing order relattiva u ilha hekk maqbuda mis-sena 2007 bil-konsegwenza li llum il-gurnata l-valur tal-vettura huwa negligibbli.*

*Illi in oltre s-socjeta esponenti ma tistax lanqas tezegwixxi t-titolu ezekuttiv li ottjeniet stante illi l-assi kollha ta' Stiano Aguis huma afflitti minn dan l-ordni ta' ffrizar.*

*Illi nonostante s-sitwazzjoni anomala li fiha tinstab is-socjeta esponenti, huwa importanti li jigi pprecizat illi l-vettura in kwistjoni ghadha, sad-data tal-prezentata ta' dan l-att, tifforma parti mill-patrimonju tas-socjeta esponenti, li madankollu, ma tista' taghmel xejn sabiex tuza, tuzufruwixxi jew tiddisponi mill-istess. Dan carament imur kontra s-setghat li wiehed ghandu jkollu bhala sid ta' oggett u cioe jus utendi, fruendi u abutendi.*

---

[2] Paragrafu 94.
[3] Application no. 28969/04; Deciza fil-16 May 2013.

*Illi s-socjeta esponenti tissottometti li dawn ic-cirkostanzi hawn fuq citati, u l-agir da parte tal-intimati (ic-cahdiet ghat-talbiet ta' rilaxx kemm tal-vettura in kwistjoni kif ukoll tal-flus biex jissodisfaw il-kreditu tas-socjeta' esponenti) jilledu d-drittijiet fundamentali taghha ghad-dritt ta' propjeta hekk kif sanciti fl-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 ta' l-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*Illi fil-waqt illi l-Istat inghata poteri wiesgha sabiex jinterferixxi fil-propjeta tac-cittadini, dan l-ezercizzju da parti tal-Istat ghandu jissodisfa t-test ta' bilanc bejn l-interess general tal-Istat u dak tal-individwu koncernat.*

*Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet Sporrong and Lonnroth vs Sweden (Applikazzjoni Nru: 7151/75; 7152/75) deciza fit-23 ta' Settembru 1982 fejn gie enuncjat is-segwenti dictum:*

> *"For the purposes of Article 1/1/1/... the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflect in the structure of Article 1"*

*Illi f'dan is-sens ukoll issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Hutten-Czapska v Poland moghtija mill-Qorti Ewropeja nhar ifejn intqal is-segwenti:*

> *"Not only must an interference with the right of property pursue, on the facts as well as in principle, a 'legitimate aim' in the 'general interest', but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. That requirement is expressed by the notion of a 'fair balance' that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights."*

*Illi kif gie hawn fuq spjegat, s-socjeta esponenti m'ghandha x'taqsam xejn mal-proceduri kriminali pendenti kontra Stiano Agius, izda hija semplicmemnt kreditrici tal-istess u ghalhekk jehiteg li jigi applikat il-principju pronuncjat fis-sentenza Amato Gauci v Malta (Applikazzjoni numru 35349/05) deciza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006):*

*"Such a balance will not be struck unless it is proved that the person concerned has not been subjected to bear an individual and excessive burden".*

*Illi f'dan il-kaz hawnhekk si tratta ta' terza persuna li hija semplicement kreditrici in buona fede ta' persuna li hija ghaddejja minn procedimenti kriminali u ghaldaqstant m'huwiex gust li s-socjeta esponenti ggorr wahedha dan il-piz.*

*Illi huwa proprju ghalhekk li s-socjeta esponenti tissottometti li bl-ordni ta' frizar fuq il-vettura, li issa ila hekk maqbuda ghal dawn l-ahhar seba snin, s-socjeta esponenti tilfet kemm il-vettura, kif ukoll il-valur tal-istess stante id-deprezzament taghha.*

*Illi in oltre s-socjeta esponenti spiccat minghajr ebda tip ta' kumpens u aktar minn hekk, spiccat minghajr l-ebda tip ta' kumpens u aktar minn hekk, spiccat minghajr l-ebda possibilita' ta' rimedju effettiv iehor u dan stante li l-assi tal-istess Stiano Agius huma kollha maqbuda.*

*Illi anke jekk kellu jigi argumentat li hawnhekk non si tratta ta' deprivar totali ta' propjeta izda interferenza jew kontroll fuq l-uzu tal-propjeta in, din l-interferenza da parti tal-Istat saret bi ksur tal-fair balance test spjegat hawn fuq citat.*

*Illi f'dan l-isfond issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet SILICKIENĖ v. LITHUANIA fejn intqal is-segwenti:*

> *"As regards the balance between that aim and the applicant's fundamental rights, the Court reiterates that, where possessions are confiscated, the fair balance depends on many factors,* ***including the owner's behaviou****r. It must therefore determine whether the Lithuanian courts had regard to the* ***applicant's degree of fault or care*** *or, at least, the relationship between her conduct and the offences which had been committed."*

*Illi diga' jirrizulta illi ma kien hemm assolutament l-ebda konnessjoni bejn is-socjeta' esponentu r-reat li ghalieh tressaq Stiano Agius, u li d-dritt ta' kreditu tas-socjeta esponenti imur lura ghal ferm qabel ma kien hemm xi hjiel jew indikazzjoni li Agius kellu involviment kriminali.*

*Illi ghalhekk, s-socjeta esponenti tissottometti li tali cirkostanzi ma jistghu qatt jigu ggustifikati ghaliex huma bi ksur tal-principji hawn fuq spjegati, u dan kontra l-ispirtu tal-artikoli in dezamina.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha:-*

*(i) tiddikjara li l-fatt illi l-vettura BMW X5 bin-numru tar-registrazzjoni HBE 352 (Mr. Big) inqabdet bl-ordni ta' ffirzar mahrug fil-konfront ta' Stiano Agius maghdud mal-fatt illi t-talbiet ripetuti tas-socjeta' esponenti ghar-rilaxx ta' l-imsemmija vettura gew ripetutament michuda, flimkien mal-fatt illi gew michuda ukoll talbiet tas-socjeta' esponenti biex tizbanka ammont ta' flus rappresentanti l-bilanc dovut fuq l-imsemmija vettura u liema somma tikkostitwixxi titolu ezekuttiv, jilledi d-drittijiet fundamenti ta' l-esponenti kif sanciti fl-artikoli 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 1 ta' l-ewwel protocol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*ii) tiddikjara illi l-fatt illi fis-sistema legali taghna jezisti kunflitt bejn l-artikolu 23 tal-Kap. 9 u l-artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 u kif ukoll l-artikolu 5 tal-Kap. 373, johloq incertezza legali fil-konfront ta' l-esponent li huwa kreditur bona fide u konsegwentement hemm lezjoni tad-drittijiet fundamenti ta' l-esponenti kif sanciti fl-artikou 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*iii) taghtiha dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fondamentali fuq imsemmija, fosthom li tordna r-rilaxx mill-effetti ta' l-ordni ta' l-iffizar ta' ammont ta' €61,465.22 mill-assi ta' l-imsemmi Stiano Agius u konsegwentement tawtorizza u tordna l-izbank u r-rilaxx ta' dawn l-assi favur is-socjeta' esponenti.*

*iv) tiffissa kumpens dovut lis-socjeta' esponenti minhabba dan il-ksur ta' drittijiet tieghu hawn fuq indikati.*

**Risposta tal-Avukat Generali, Prim'Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija**.

1. *Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija frivola u vessatorja stante li tikkostitwixxi sempliċement ir-riproponiment ta' kwistjoni diġa deċiża mill-Onorabbli Qorti Kriminali u l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati Malta (Bħala Qorti Istruttorja) fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Stiano Agius et. Bir-rispett dovut, huwa ċar li l-uniku għan tas-soċjetà rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri straordinarji kostituzzjonali huwa li tittenta tħassar jew 'tappella' mid-digrieti tal-imsemmija Qrati li permezz tagħhom ġew miċħuda t-talbiet tagħha;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju u ukoll in linea preliminari, hija l-umli fehma ta' l-esponenti li din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-rikors promutur ma jirriżultax li r-rikorrenti eżawrixxiet ir-rimedji ċivili ordinarji disponibbli favur tagħhom sabiex tirkupra dak li qegħda tallega li huwa propjetà tagħha. Inoltré u dejjem mingħajr preġudizzju, għad ma hemmx sentenza finali fil-proċeduri Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) vs Stiano Agius et b'dan illi l-corpus delicti huma sekwestrati mhux konfiskati f'dan l-istadju u għalhekk il-lanjanzi tas-soċjetà rikorrenti huma f'kull każ intempestivi;*

3. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif allegat fir-rikors in risposta u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

4. *Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: l-Pulizija kellhom informazzjoni kunfidenzjali li l-konjuġi Agius setgħu kienu imdaħħlin f`attivitajiet konnessi mat- traffikar ta` droga u għalhekk uffiċjali tal-Pulizija għamlu diversi investigazzjonijiet fuq ir-residenza tagħhom li tinsab ġewwa Hal-Qormi. Il-Pulizija kienu infurmati li fl-ewwel ġimgħat ta` Novembru 2007 Stiano Agius kellu jirċievi envelope kontenenti ammont sostanzjali ta` droga kokaina. Fil-fatt, fid-9 ta' Novembru 2007, Stanio Agius ġie osservat mill-Pulizija jagħti pakkett qisu envelope tal-karti kannella imgeżwer fit-tape kulur kannella bl-isfar minn ġol-vettura tiegħu BMW X5 bir-reġistrazzjoni 'MR BIG' lill-mara tiegħu Eleanor Agius li da parti tagħha ħadet il-pakkett u daħħlitu ġewwa fir-residenza tagħhom filwaqt illi żewġha Stanio Agius reġa telaq bl-istess vettura BMW X5 'MR BIG'. Sussegwentment fl-10 ta` Novembru 2007 inħareġ mandat ta` tfittxija sabiex ikun jista jsir raid estensiv fir-residenza tal-konjugi Agius. Meta seħħ dan ir-raid l-Pulizija sabet envelope li rrizulta li kellu ġo fih s-sustanza illegali kokaina (madwar 1155 grammi). Fost id-diversi affarijiet li sabu, l-Pulizija elevaw ukoll ammont sostanzjali ta` flus kontanti fl-ammont ta' madwar EUR 73,000. Huwa pjutost evidenti li f`dawn iċ-ċirkostanzi il-provenjenza ta` dan l-ammont konsiderevoli ta` flus kontanti hija wahda dubjuża ferm tant li fit-12 ta` Novembru 2007 il-konjuġi Agius tressqu bl-arrest fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Bħala Qorti Istruttorja) akkużati bil-pussess aggravat tad-droga kokajina u bil-ħasil/riċiklaġġ ta` flus fost reati oħra. Konsegwenza ta' dawn il-proċeduri, l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja ordnat li jiġu sekwestrati l-assi u l-flejjes tal-konjuġi Stanio u Eleanor Agius a tenur tal-artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-flus maqbuda mir-residenza tal-konjuġi Agius ġew depożitati fuq ordni tal-Maġistrat Inkwirenti ġewwa l-Bank Ċentrali ta' Malta;*

5. *Illi matul il-kumpilazzjoni saru diversi rikorsi mis-soċjetà rikorrenti għar-rilaxx tal-imsemmija vettura BMW X5 bir-reġistrazzjoni 'MR BIG', liema talba dejjem ġiet ġustament miċħuda stante li minn evidenza materjali jidher ċar li din il-vettura kienet intużat fiżikament biex isir ir-reat u t-trasferiment tad-droga u b'konsegwenza tifforma parti mill-corpus delicti u għalhekk tista' tiġi konfiskata f'każ ta' sejbien ta' ħtija. Sussegwentement, is-soċjetà rikorrenti talbet li tiġi rilaxxata s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf tlett mija ħamsa u għoxrin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€47,325.26) sabiex jitħallas debitu dovut lilha allegatament rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz ta' l-imsemmija vettura. A fol. 918 tal-proċess il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Struttorja ġustament ddeċidiet li 'premess id-dritt tar-rikorrenti bona fede li jiġi sodisfatt fil-kreditu lilu dovut, tiċħad it-talba kif dedotta, ċioe li tali sodisfazzjon tal-kreditu jsir mis-somma depożitata mal-Bank Ċentrali ta' Malta, tawtorizza l-ħlas pero minn assi oħra mhux hekk affetwati, li pero għandhom fl-ewwel lok jiġu ben identifikati lilha għas-skrutinju ġudizzjarju dwar il-provenjenza tagħhom';*

6. *Illi fl-isfond ta' dawn il-fatti huwa manifest li s-soċjetà rikorrenti m'hi qed issofri l-ebda ksur forzuż tal-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif allegat minna. Ibda biex, is-soċjetà rikorrenti fl-ebda waqt ma ġiet spussessata minn propjetà li tappartjeni lilha. Dwar il-vettura jirriżulta ċar li din kienet fil-pussess ta' Stanio Agius u fil-fatt intużat sabiex jiġi kommess ir-reat li bih huwa ġie akkużat. Dwar il-flus depożitati l-Bank Ċentrali ta' Malta, l-Prosekuzzjoni qegħda ssostni li dan l-ammont konsiderevoli ta` flus huwa propju **rikavat li gej minn reat**. Dan jista' jfisser biss li: jew li l-flus ma jammontawx għal 'possedimenti' tas-soċjetà rikorrenti, jew f'każ illi jirriżulta li jammontaw għal 'possedimenti' tas-soċjetà rikorrenti kif qiegħed jiġi allegat fir-rikors promutur, illi r-rikorrenti hija involuta fir-reat ta' ħasil tal-flus li bih qegħdin jiġu akkużati l-konjuġi Stanio u Eleanor Agius.*

7. *Illi mingħajr preġudizzju, anke li kieku stess wieħed jassumi għal grazzja tal-argument biss li s-soċjetà rikorrenti ġarrbet teħid ta' pussess ta' ħwejjiġha, xorta hija ma tistax issib kenn fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex skont is-subartikolu (2)(b) u (h) tal-istess artikolu 'Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta' xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà – (b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta', ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta' ħtija ta' reat kriminali' jew '(h) fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati'. Mill-banda l-oħra, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li 'Iżda d-disposizzjonijiet ta' qabel ma għandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'. Għalhekk, l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu*

*1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistgħux jiġu nvokati mis-soċjetà rikorrenti;*

8. *Illi l-lanjanza tar-rikorrent marbuta mad-dritt tas-smiegħ xieraq kif imħares mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll ma hijiex ġustifikata. Fl-ewwel lok, dan l-artikolu jiżgura smiegħ xieraq lill-imputat fid-deċiżjoni ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu – ma hemmx dubju li l-imputati fil-proċeduri surriferiti huma l-konjuġi Stanio u Eleanor Agius, mhux is-soċjetà rikorrenti u għalhekk anké l-ġurisprudenza ċitata mir-rikorrenti hija fuori luogo. Dejjem mingħajr preġudizzju, is-soċjetà rikorrenti għamlet diversi rikorsi quddiem il-Qrati Kriminali fil-proċeduri kontra Stanio u Eleanor Agius liema rikors ġew debitament kkunsidrati u deċiżi;*

9. *Illi bir-rispett dovut minn imkien ma jirriżulta li s-socjeta rikorrenti ġiet prekluża milli tfittex il-ħlas allegatament dovut lilha minn flejjes oħra leġittimi tal-akkużati għajr ir-res furtiva;*

10. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju, id-dritt għas-smigħ xieraq jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali, ċioé, indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunċjament tas-sentenza fil-pubbliku, li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Isegwi għalhekk illi dato ma non concesso jeżisti kunflitt bejn l-artikolu 23 tal-Kap 9 u l-artikoli 22A(1) tal-Kap. 101 u 5 tal-Kap 373, kif allegat mis-soċjetà rikorrenti, bl-ebda mod ma jista' jwassal għall-ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif allegat mir-rikorrenti;*

11. *Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma jeżisti l-ebda kunflitt bejn l-artikolu 23 tal-Kap 9 u l-artikoli 22A(1) tal-Kap. 101 u 5 tal-Kap 373, kif allegat mis-soċjetà rikorrenti. Illi filwaqt li l-artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 u l-artikolu 5 tal-Kap 373 jipprovdu għal <u>sekwestru</u> ta' flejjes u propjetà mobbli tal-**akkużat**, l-artikolu 23 tal-Kap 9 jipprovdi għall-<u>konfiska</u>, wara sejbien ta' ħtija, tal-corpus delicti tal-istrumenti li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt u ta' kull ma jkun miksub bid-delitt. Dan irid jinqara ukoll fil-qafas tal-artikolu 675(5) tal-Kap. 9 li jipprovdi li 'Kull min minnufih qabel il-konfiska kellu jedd bil-liġi għall-oġġetti konfiskati kif hawn aktar qabel imsemmi, jew il-werrieta leġittimi tagħhom, għandu jkollhom jedd għal kumpens għall-oġġetti konfiskati iżda meta l-oġġetti jkunu inbiegħu, dak il-kumpens ma għandux ikun jeċċedi l-ammont tar-rikavat li l-Gvern jagħmel mill-bejgħ tal-oġġetti u b'dan ukoll li l-kumpens jintalab permezz ta' rikors quddiem il-qorti kompetenti fi żmien sitt xhur mid-data tal-ordni msemmija fis-subartikolu (2).';*

12. *Illi dejjem mingħajr preġudizzju u biss għall-grazzja tal-argument, dato ma non concesso li ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti sanċiti bl-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u / jew bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u / jew bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni, l-esponenti jissottomettu li r-rimedji mitluba mis-soċjetà rikorrenti mhumiex ġustifikati.*

**<u>Risposta Direttur Generali Qrati u Tribunali</u>**.

1. *Illi in linea preliminari d-Direttur Generali (Qrati) m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrent;*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li r-rikorrenti ma ezawriex ir-rimedji ordinarji tieghu li kien jikkonsisti f'kawza ad hoc sabiex jigi dikjarat li l-ordni tal-iffrizar ma kienx jikkolpixxi il-vettura inkwestjoni;*

3. *Illi f'dan il-kaz ir-rikorrent bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-dritt skond l-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni, ghal xi nuqqas minn naha tal-amministrazzjoni tal-Qrati rapprezentata mid-Direttur Generali (Qrati) u ghalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

4. *Illi f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jattribwixxi l-ilmenti tieghu ghall-Gudikant/i li ppresjeda l-proceduri, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulziija u ghal dan l-allegat nuqqas zgur li ma jistax iwiegeb jew jigi tenut responsabli l-esponenti.*

5. *Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal : 'Hu ben saput li l-Gudikatura hija organu indipendenti mill-Ezekuttiv u ma taqa` taht l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibli ghall-operat tal-Qorti, allura ir-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Gudikant, ma jistax hawn hekk ikun legittimu kontradittur.'*

6. *Illi l-esponent ma kellu ebda kontroll fuq il-proceduri partikolari u l-oggezzjoni ghar-rikorsi prezentati mir-rikorrenti ghar-rilaxx tal-vettura inkwestjoni dejjem kienet minn naha tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija kif anke kwotat mir-rikorrent stess fir-rikors u ghalhekk zgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li lanqas biss kien parti fil-proceduri.*

7. *Illi l-esponenti jaghmel riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn gie ritenut: 'Kwantu ghall-appellat Registratur, Qrati Civili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-icken dubbju li dan ma hux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza.*

*Ir-Registratur ma jirraprezentax lill-Qrati li l-operat taghhom gie attakkat bir-rikors promotorju – anzi, bil-kontra, huwa jiehu l-ordnijiet minghandhom skond il-ligi – u hu ma hux f'posizzjoni li jaghti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'ticcensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati.'*

8. *Illi fil-mertu m'hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti la tat il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif qed jallega ir-rikorrenti;*

9. *Kwantu ghat-tieni u t-tielet talbiet dato ma non concesso illi hemm lok li dawn jintlaqghu xorta wahda ma jaghmlux stat fil-konfront tal-eccipjenti peress li ma huwiex il-persuna idonea fil-ligi biex iwiegeb u/jew iwettaq dak li qed jintalab fl-istess talbiet;*

10. *Illi konsegwentement l-eccipjenti ma jista' qatt jinsab responsabbli ghal kwalunkwe danni jew kumpens u kwindi anke din it-talba fil-konfront tal-eccipjenti ghandha tigi michuda*.

**Konsiderazzjonijiet**.

Il-kaz jitratta dwar vettura BMW X5 registrazzjoni MR BIG. Jirrizulta li fl-10 ta' Settembru 2007 il-vettura giet akkwistata b'kuntratt *hire purchase* minn Stiano u Eleanor konjugi Agius minghand ir-rikorrenti ghall-prezz ta' €64,057.77 u thallset is-somma ta' €20,964.36. Fil-kuntratt jinghad:

*"**Property in the vehicle shall continue to vest in the Company until such time as the Customer shall have paid the price in full** and any other amount due by the Customer to the Company. It is agreed, that the Customer shall bear all risks relating to the vehicle as from the moment it is delivered to him"*.

Imbaghad fit-12 ta' Novembru 2007 il-konjugi Agius tressqu l-qorti u gew akkuzati bi traffikar tad-droga eroina u hasil ta' flus. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ordnat l-iffrizar tal-assi u flejjes tal-konjugi Agius, u dan skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101. Fl-ordni jinghad hekk:

*"Il-Qorti ai termini ta' Art 22A Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li jigu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputati jew ikunu proprjeta taghhom u tipprojbixxi lill-imputati milli jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi proprjeta mobbli jew immobbli"*.

Il-vettura ttiehdet mill-pulizija.

Fil-proceduri kriminali r-rikorrenti pprezentat erba' rikorsi fejn talbet lill-qorti sabiex tawtorizza r-rilaxx tal-vettura (15 ta' Frar 2008, 14 ta' April 2008, 20 ta' Mejju 2008 u 10 ta' Gunju 2008). Filwaqt li fir-rikors promotur jinghad li r-rikorsi gew michuda, wara d-digriet tas-17 ta' Lulju 2014 l-Avukat Generali ipprezenta nota (18 ta' Lulju 2014) fejn ddikjara li dawn ir-rikorsi qatt ma gew degretati. Il-qorti rat l-atti tal-kawza kriminali minn fejn jirrizulta li r-rikors tal-15 ta' Frar 2008 kien gie degretat waqt is-seduta tal-4 ta' Marzu 2008. Dakinhar il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghar-rilaxx tal-vettura u qal li kienet ser tipprezenta proi li:

*"…. juru li l-istess vettura Mr Big intuzat specificament mill-imputati biex tigi trasferita l-allegata droga u ghalhekk il-vettura materjalment hi ferm importanti biex il-Prosekuzzjoni tipprova u ssahha il-kaz taghha quddiem il-Qorti u jekk ikun il-kaz quddiem il-Qorti Kriminali"*.

Il-qorti ddikjarat:

*"Il-Qorti qeghda f'dan l-istadju, qabel tigi pprezentata r-relazzjoni ta' Martin Bajada, tichad it-talba"*.

Mill-atti jirrizulta li r-rikors l-ohra li bihom ir-rikorrent talbet ir-rilaxx tal-vettura, ma gewx degretati. Sussegwentement ir-rikorrenti pprezentat rikorsi fejn talbet li mill-gid tal-konjugi Agius tigi rilaxxata somma flus biex jithallas il-kreditu li ghandha kontra l-akkuzati. L-ewwel rikors f'dan is-sens sar fl-4 ta' Dicembru 2008 (fol. 69) li l-Avukat Generali ddikjara li ma giex degretat (ara nota li pprezenta wara d-digriet tas-17 ta' Lulju 2014).

Waqt is-seduta tat-22 ta' Novembru 2013 l-Ispettur Dennis Theuma, li qieghed imexxi l-prosekuzzjoni, ddikjara li waqt il-proceduri kriminali kien hemm iktar minn okkazzjoni wahda li fiha d-difensur tal-konjugi Agius iddikjarat li ma jopponux ghat-talba sabiex il-vettura tinghata lir-rikorrenti. Fil-fatt jirrizulta li waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2008 id-difensur tal-konjugi Agius ddikjarat *"…. m'hemmx diffikulta sabiex il-vettura mertu tar-rikors hawn fuq imsemmi tigi rilaxxata u dan in vista tal-fatt illi l-istess vettura ghadha mhix proprjeta tal-imputati, u ghalhekk ma tistax tkun soggetta ghall-konfiska"*[4].

[4] Ara fol. 629 tal-proceduri kriminali.

Jirrizulta li sal-lum il-vettura qeghda tinzamm ghand il-pulizija (ara nota u ritratti prezentati fit-22 ta' Novembru 2013 a fol. 35).

**Eccezzjoni li Direttur Generali Qrati m'huwiex il-legittimu kontradittur**.

Mill-provi li nstemghu hu evidenti li dan l-intimat m'huwiex parti fil-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stiano Agius et**. Il-qorti ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn dan l-intimat tharrek u taqbel mieghu li 'l fatt li l-vettura giet esebita taht l-awtorita' tal-Qorti ma jfissirx li hu legittimu kontradittur. Fir-realta' rrizulta li l-vettura ghadha fil-pussess tal-pulizija. Id-Direttur Generali Qrati u Tribunali m'huwiex parti ghall-proceduri kriminali.

Fic-cirkostanzi din l-eccezzjoni ser tintlaqa'. Il-qorti tistqarr ukoll li ma tifhimx x'inhi r-raguni ghalfejn ir-rikorrenti harrket lill-Prim'Ministru, meta l-gudizzju hu diga' integru bil-presenza tal-Avukat Generali.

**Ir-rikors huwa frivolu u vessatorju ghaliex ir-rikorrenti qeghda tipprova biss tappella mid-digriet tal-Qorti**.

Il-qorti ma taqbilx ma' din l-eccezzjoni ghaliex l-ilmenti huma ta' natura kostituzzjonali. 'Il fatt li qorti tkun tat decizjoni dwar rikors ma jfissirx li l-persuna li kontriha tkun inghatat decizjoni ma tistax tressaq rikors ta' din ix-xorta u tilmenta minn ksur ta' dritt fundamentali. Din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

**Ezawriment ta' rimedji ordinarji**.

Ir-rikorrenti pprezentat rikorsi sabiex il-qorti li quddiemha kien qieghed jinstema' l-kaz, tordna r-rilaxx tal-vettura. Ir-rikorrenti m'hijiex parti fil-process kriminali. Mill-atti jirrizulta li kien biss l-ewwel rikors li kien gie degretat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li bih cahdet it-talba ghar-rilaxx tal-vettura. Mid-digriet kien evidenti li t-talba ghar-rilaxx giet michuda minhabba l-istadju li kien ghadu wasal il-process kriminali. Ir-rikorsi l-ohra ghar-rilaxx tal-vettura ghadhom m'humiex degretati. Pero' kif ser jinghad hawn taht hu evidenti li r-rikorrenti ma baqghetx interessata li tiehu lura l-vettura izda li tithallas il-bilanc tal-prezz mill-flus li nstabu fid-dar tal-konjugi Agius u li gew milquta minn ordni tal-iffrizzar.

Differenti hi s-sitwazzjoni fir-rigward tal-flus li huma milquta mill-ordni ta' l-iffrizar u li m'humiex tar-rikorrenti. L-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 jaghti l-opportunita' lill-kredituri li huma in *bona fide* li jitolbu lill-qorti sabiex tawtorizza l-hlas ta' djun li jkollhom jithallsu mill-akkuzat. Ir-rikorrenti ezawriet tali rimedju meta pprezentat diversi rikorsi, kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u wkoll il-Qorti Kriminali. B'daqshekk ma jfissirx li m'ghandhiex jedd li tressaq ilment bazat fuq allegat ksur ta' drittijiet fundamentali. 'Il fatt li r-rikorrenti pproponiet il-kaz in ezami fejn qeghda tallega ksur ta' drittijiet fundamentali, ma jfissirx li dan hu appell mid-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u tal-Qorti Kriminali. Dan apparti li mill-atti jidher li m'hemmx gid iehor li fuqu r-rikorrenti tista' tezegwixxi t-titolu ezekuttiv kontra l-konjugi Agius.

**Ilment tar-rikorrenti fir-rigward tal-vettura BMW MR BIG**.

Minkejja dak li nghad hawn fuq il-qorti xorta ser tikkunsidra dan l-ilment.

Il-qorti tibda billi tosserva li ma tifhimx kif fir-rikors promotur ir-rikorrenti ressqet ilment dwar il-vettura meta fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 gie verbalizzat:

*"Id-difensuri tar-rikorrenti ddikjaraw ukoll li* ***filwaqt li jifhmu li fil-pendenza tal-proceduri kriminali l-vettura tibqa' sekwestrata****, pero' hemm flus minn fejn ir-rikorrenti tista' tithallas il-kreditu li ghandha fil-konfront tal-akkuzati."*.

Kif rajna r-rikorrenti ghamlet b'kollox erba' rikorsi sabiex tinghata l-pussess tal-vettura. Jirrizulta li l-Avukat Generali dejjem oggezzjona:

(a) Dwar ir-rikors tal-15 ta' Frar 2008 qal li l-vettura hi registrata f'isem l-imputat u kienet intuzat biex jitwettaq ir-reat u tifforma parti mill-*corpus delicti* (fol. 47);
(b) Dwar ir-rikors tal-14 ta' April 2008 qal li l-akkuzati ghandhom drittijiet fuq l-istess vettura (fol. 55);
(c) Dwar ir-rikors tal-20 ta' Mejju 2008 qal li jirrispondi wara li jinghata kopja tad-dokumenti li jissemmew fir-rikors (fol. 59);
(d) Dwar ir-rikors tal-10 ta' Gunju 2008 qal li *"... c-cirkostanzi tar-rikorrent ma tantx inbidlu, hu jopponi t-talba"* (fol. 67).

Skond l-Artikolu 674 tal-Kodici Kriminali, proprjeta li tkun esibita waqt proceduri kriminali tista' tintalab lura mis-sid li ma jkunx involuta bhala *"persuna principali, komplici jew assocjata fir-reat kriminali li jkun jifforma l-materja ta' dawk il-proceduri"*. Il-persuna kkoncernata trid taghti prova tat-titolu u li ma jkunx ghad hemm bzonn li l-oggett jibqa' materjalment esebit ghal finijiet tal-proceduri kriminali.

Jirrizulta li eventwalment ir-rikorrenti ma baqghetx interessata li tiehu lura l-vettura u bidlet l-istrategija, fis-sens li talbet lill-qorti sabiex tawtorizza r-rilaxx tal-flus li kienu nqabdu minghand l-akkuzati Agius. L-ewwel rikors f'dan is-sens kien fl-4 ta' Dicembru 2008 (fol. 69) [5] li jidher li baqa' ma giex degretat.

Skond l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni:

*"Every natural or legal* person *is entitled to the* ***peaceful enjoyment of his possessions****. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law*.

*The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*.

Mill-provi rrizulta li:-

(a) Il-konjugi Agius xtraw il-vettura taht ftehim ta' *hire purchase* fejn jinghad espressament li l-vettura tibqa' l-proprjeta' tal-bejjiegha sakemm jithallas il-prezz kollu;
(b) M'hemmx kontestazzjoni li l-prezz baqa' ma thallasx. Fil-fatt irrizulta li mill-prezz kienet ghadha ma thallsitx is-somma ta' €44,258.09, mhux inkluz l-imghax. Il-qorti stess ikkonfermat li r-rikorrenti hi kreditrici tal-konjugi Agius.

L-effett ta' ftehim bhal dak li sar bejn ir-rikorrenti u l-konjugi Agius (fol. 28) hu li l-proprjeta' tal-oggett ma tghaddix ghand ix-xerrej sakemm ma jkunx thallas il-prezz kollu (ara **Regina**

[5] It-talba taqra hekk: *"Ghaldaqstant is-socjeta rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, tawtorizza li d-debitu tal-imputati versu s-socjeta Premier Leasing and Investments Company Limited ammontanti ghas-somma ta' sebgha u erbghin elf tlett mija u hamsa u ghoxrin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€47,325.26) jigu mhallsa mill-assi tal-istess imputati u dan ai termini tal-artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta"*.

**Auto Dealer Limited vs Miller Distributors Limited et** deciza mill-Prim'Awla[6] fit-30 ta' Mejju 2002) u l-gurisprudenza li hemm riferenza ghaliha[7]. Dan ifisser li l-vettura ghadha proprjeta' tar-rikorrenti. Wiehed jista' jikkontesta li l-vettura hi proprjeta tar-rikorrenti gialadarba l-vettura hi registrata f'isem Eleanor Tracy Agius (fol. 84). Madankollu:-

- Fil-log book jinghad espressament li *"Transport to be authorized by Malta Transport Authority Hire Purchase"*.
- Il-kwistjoni tal-proprjeta' ta' vettura m'hijiex determinata mil-logbook; *"ir-registrazzjoni u l-licenzja tal-vettura jistghu jkunu element ta' prova biex jigi determinat min kien il-proprjetarju taghha pero' dak li hu verament determinati huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim"* (**Victor Soler nomine vs Josephine Pace et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999).

Ghalkemm bejn il-kontendenti jidher li m'hemmx kontestazzjoni li l-ordni ta' iffrizar mahruga skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tolqot ukoll il-vettura, il-qorti ma tarax kif tali ordni setghet qatt tolqot vettura li m'hijiex proprjeta' tal-akkuzati Agius.

Ordni ta' l-iffrizar tal-assi hi mizura provizorja sabiex tizgura li proprjeta li giet akkwistata b'attivita illecita li tkun twettqet b'detriment ghall-komunita, f'kaz ta' sejbien ta' htija, tkun tista' tigi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess generali sabiex min jaghmel il-gid mit-traffikar tad-droga ma jiehux beneficcju minn tali attivita' illecita. M'hemmx dubju li ordnijiet bhal dawn isiru fl-interess generali. Pero' f'dan il-kaz il-vettura m'hijiex proprjeta tal-atturi.

L-Ispettur Dennis Theuma xehed li l-oggezzjoni principali tal-pulizija ghat-talba tar-rikorrenti sabiex tiehu lura l-vettura, *"... kienet li din il-vettura kienet corpus delicti u fil-fehma taghna anke l-flus li nghataw lil Permier Leasing dan il-provenjenza taghhom kienet minn atti illeciti"* (seduta 8 ta' Jannar 2014). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:

i) L-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li:-

---

[6] Imhallef R. Pace.

[7] *"Fil-vendita bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta' tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew jghaddi certu zmien, u malli dak il-fatt jivverifika ruhu, jew jghaddi dak iz-zmien ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita ohra mill-parti tal-kontraenti; jew ta' xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta'.*
*Sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew ighaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-haga li tkun iffurmat l-oggett tal-kuntrattazzjoni bil-patt tar-rizerva tad-dominju"* (**Anthony Abela nomine vs Maria Attard et** deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957, Vol. XLI.ii.896).

> *"Il-konfiska tal-corpus delicti, tal-istrumenti li servew jew li kien mahsub li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun gie miksub bid-delitt, hija konsegwenza tal-piena stabbilita mil-ligi ghad-delitt, ukoll jekk dik il-konfiska ma tkunx espressament imsemmija fil-ligi,* ***barra minn meta persuna, li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti****".*
>
> Provvediment li japplika wkoll fil-kaz in ezami (ara l-Artikolu 3(5) tal-Att dwar il-Money Laundering (Kap. 373) u l-Artikolu 22(3)(A)(c) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi). M'hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti hi ghal kollox estraneja ghall-proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-konjugi Agius u r-reati li bihom gew akkuzati.

ii) Fl-ewwel rikors li pprezentat ir-rikorrenti (15 ta' Frar 2008) kienet iddikjarat li kienet disposta li tiddepozita fil-qorti s-somma ta' €19,800 li tkopri l-hlas li ghamlu l-konjugi Agius fuq il-vettura.

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jirreferi ghal *possession*. F'dan il-kaz il-*possession* hi l-proprjeta tal-vettura, li hi tar-rikorrenti. Ghalkemm il-vettura kienet fil-pussess ta' Stanio Agius meta nqabdet mill-pulizija, waqt il-proceduri kriminali ddikjaraw li m'hemmx oggezzjoni li l-pussess tal-vettura tghaddi ghand ir-rikorrenti. In vista ta' din il-posizzjoni li addottaw il-konjugi Agius, il-qorti ma tarax li r-rikorrenti kellha bzonn li tipprocedi b'kawza biex tholl il-ftehim qabel titlob ir-rilaxx tal-vettura.

L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni fih tlett regoli:

i. Id-dritt ghat-tgawdija pacifika ta' *possessions*;
ii. Persuna tista' tigi mcahhda mill-*possessions* fl-interess pubbliku u soggett ghall-kondizzjonijiet li tipprovdi l-ligi;
iii. L-Istati ghandhom dritt li jikkontrollaw l-uzu tal-proprjeta skond l-interess generali jew biex jiggarantixxu l-hlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew penali.

Hu maghruf li:-

*"any interference must achieve* ***a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights****. The concern to achieve this balance is reflected in the structure of Article 1 as a whole, including the second paragraph: there must therefore be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim pursued"* (**C.M. vs France** deciza fis-26 ta' Gunju 2001 – 28078/95).

Fil-fehma tal-qorti r-riferenza li ghamlu whud mill-intimati ghall-kawza fl-ismijiet **Gasus Dosier – Und Fordertechnik v The Netherlands** tat-23 ta' Frar 1995 (ara paragrafu 25 tan-nota ta' sottomissjonijiet) m'hijiex flokha gialadarba f'kaz ta' sejbien ta' htija l-ligi ma tikkontemplax il-konfiska tal-vettura peress li hi proprjeta tar-rikorrenti li m'ghandha x'taqsam xejn mar-reati li dwarhom il-konjugi Agius gew akkuzati.

Il-qorti tqies li hu rilevanti l-kaz **Silickiene v Lithuania** (20496/02) deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' April 2012 li kien jitratta konfiska ta' proprjeta' tar-rikorrenti li kienet mizzewwga lill-persuna akkuzata b'kuntrabandu ta' alkohol u sigaretti, frodi u falsifikazzjoni. Fir-rigward tal-kuncett tal-*fair balance*, il-Qorti Ewropea osservat: *"…. Where possessions are confiscated, the fair balance depends on many factors, **including the owner's behaviour**"*. Hekk per ezempju f'dak il-kaz il-qorti osservat li r-rikorrenti kellha tkun taf li l-proprjeta konfiskata kienet inxtrat bi dhul minn attivita' kriminali, apparti li fis-sena 2005 kienet instabet hatja ta' misaproprijazzjoni u falsifikazzjoni ta' dokumenti wara li kienet ammettiet li wettqet dawk ir-reati biex tghin lil zewgha jahrab minn responsabbilta' kriminali. Fil-kaz tal-lum m'ghandna xejn minn dan. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja stess irrikonoxxiet li r-rikorrenti hi kreditrici *bona fide* tal-konjugi Agius (ara digriet tat-2 ta' Lulju 2010).

Il-konkluzjoni tal-qorti hi li ma kellu jkun hemm l-ebda diffikulta' li r-rikorrenti tinghata lura l-vettura ghal dak li jikkoncerna t-titolu. Mid-digriet stess li bih gie michud l-ewwel rikors li pproponiet ir-rikorrenti, hu evidenti li l-qorti kienet disposta li 'l quddiem waqt il-proceduri kriminali terga' tikkunsidra talba ghar-rilaxx tal-vettura. Ovvjament dwar jekk huwiex mehtieg li l-vettura tibqa' esebita fl-atti, hi materja ohra li l-apprezzament taghha trid issir mill-qorti li tkun qeghda tisma' l-kaz fil-meritu.

Pero' jibqa' 'l fatt li kif ir-rikorrenti saret taf li hemm flus li nqabdu minghand il-konjugi Agius, ghazlet li ma tinsistix fuq it-talba li tinghata l-vettura. Fil-fatt l-ahhar rikors biex tinghata l-pussess tal-vettura pprezentatu fl-10 ta' Gunju 2008 (fol. 60). Ma jirrizultax li nsistiet biex jinghata provvediment dwar ir-rikors l-ohra li pprezentat u li bihom kienet qeghda titlob ir-rilaxx tal-vettura. Imbaghad:-

i. Fis-26 ta' Settembru 2008 ipprezentat ittra ufficjali kontra l-konjugi Agius (fol. 11) sabiex tirrendi ezegwibbli l-kambjali relatati man-negozju tal-vettura in kwistjoni (ara fol. 13). Minn hemm 'il quddiem illimitat it-talbiet taghha sabiex tigi awtorizzata tisbanka l-flus li nqabdu mill-pulizija waqt it-tfittxija li kienet saret fir-residenza tal-konjugi Agius.

ii. Fl-4 ta' Dicembru 2008 ipprezentat rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fol. 69) sabiex tithallas il-kreditu ezekuttiv mill-assi tal-konjugi Agius ai termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101. Jidher li dan ir-rikors qatt ma gie degretat. Wara dakinhar ir-rikorrenti regghet ipprezentat rikors:

- Fl-24 ta' Mejju 2010 (fol. 79);
- Fl-1 ta' Gunju 2010 talbet li l-hlas isir mill-flus depozitati mill-Kummissarju tal-Pulizija (fol. 91) u gie michud b'digriet tat-2 ta' Lulju 2010 (fol. 97);
- Fit-13 ta' Awissu 2010 quddiem il-Qorti Kriminali (fol. 101) u b'digriet tat-13 ta' Awissu 2010 il-qorti qalet li ma kenitx ser tiehu konjizzjoni tar-rikors ghaliex il-kaz kien pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fol. 106);
- Fis-6 ta' Settembru 2010 (fol. 107) li gie michud b'digriet li l-Qorti Kriminali tat fid-9 ta' Settembru 2010 (fol. 115);
- Fit-2 ta' Dicembru 2010 (fol. 126) li gie michud b'digriet li l-Qorti Kriminali tat fit-22 ta' Dicembru 2010 (fol. 138);
- Fil-11 ta' Frar 2011 (fol. 145) li gie michud b'digriet li l-Qorti Kriminali tat fl-20 ta' Mejju 2011 (fol. 153).

M'hemmx dubju li kienet ghazla tar-rikorrenti li ma tinsistix li tinghata decizjoni dwar it-talba biex tiehu l-pussess tal-vettura. Ladarba r-rikorrenti ghazlet dik it-triq, il-qorti tikkonkludi li m'ghandhiex fuqhiex tilmenta.

Ghal dak li jikkoncerna l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-provvediment ma japplikax ghal dan il-kaz gialadarba l-kaz in ezami ma jitrattax dwar it-tehid ta' proprjeta bla kumpens, izda kontroll ta' uzu ta' proprjeta.

**<u>Ilmenti tar-rikorrenti fir-rigward tal-flus tal-konjugi Agius li nqabdu u jinsabu depozitati fil-Bank Centrali</u>**.

Il-process kriminali ghadu pendenti. M'hemmx kontestazzjoni li r-rikorrenti hi kreditrici tal-konjugi Agius. Fatt accettat ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fid-digriet tat-2 ta' Lulju 2010 (fol. 97) meta osservat:-

*"…. **M'ghandha ebda dubbju li s-socjeta rikorrenti hija kreditrici in bona fede**, ghalhekk din il-Qorti m'ghandha ebda oggezzjoni li tali kreditu jigi saldat mill-assi tal-imputati, dan ai termini tal-Artikolu 22A(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta (stante ordni ta' frizar)".*

F'dak id-digriet kompliet tghid li l-hlas ma kellux isir mill-flus depozitati fil-Bank Centrali izda minn assi ohra li ghandhom jigu dikjarati lill-qorti ghal finijiet ta' skrutinju.

Fil-fehma tal-qorti l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward hu bla bazi meta tqies li dawn il-flus:-

(a) Huma milquta mill-ordni ta' iffrizar mahruga mill-qorti skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101;
(b) M'humiex proprjeta' tar-rikorrenti. Il-flus, fis-somma ta' iktar minn €69,881.20, instabu fil-fond fejn jidher li kienu qeghdin ighixu l-konjugi Agius. Ladarba l-flus m'humiex proprjeta tar-rikorrenti, ma tistax tilmenta li gie lez id-dritt fundamentali ghat-tgawdija ta' proprjeta (Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni). F'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Zammit v. Ellul Vincenti nomine** tal-31 ta' Lulju, 1996 li b'riferenza ghall-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll osservat: *"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il- persuni, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati".*
(c) Meta l-qorti cahdet it-talba ghar-rilaxx ta' flus li hemm depozitati fil-Bank Centrali, kienet qeghda tezercita diskrezzjoni li jatiha l-Artikolu 22A tal-Kap. 101. Din il-qorti ma tistax tistharreg jekk l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u l-Qorti Kriminali jidher li qeghdin jaghtu lill-Artikolu 22A tal-Kap. 101, hijiex korretta jew le. Li hu rilevanti hu li r-rikorrenti kellha mezz biex tressaq it-talba ghal konsiderazzjoni tal-qorti.

Il-qorti zzid li f'dan ir-rigward ir-riferenza li ghamlet ir-rikorrenti ghall-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali hi irrilevanti. M'hemm l-ebda kunflitt bejn dan il-provvediment u l-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101. Hu minnu li l-Artikolu 23(1) japplika wkoll fil-kazijiet kontemplati fil-Kap. 101 (ara Artikolu 22(3)(a)(c) tal-Kap. 101). Pero' l-flus m'humiex proprjeta tar-rikorrenti. Inoltre d-diskrezzjoni li ghandha l-qorti bis-sahha tal-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 m'hijiex fir-rigward ta' proprjeta ta' terzi izda proprjeta tal-persuni akkuzati bit-traffikar. Wiehed irid jiftakar. L-ordni ta' iffrizzar hi kontemplat mil-ligi. Sal-lum il-kaz ghadu pendenti. F'kaz li l-konjugi Agius jinstabu hatja, dan iwassal ghal konfiska tal-assi li gew akkwistati minnhom b'rizultat ta' attivita' illecita. Mizura ntiza biex ma tippermettix lill-persuni li jaghmlu qliegh minn per ezempju traffikar ta' drogi; *"In such circumstances the Court finds that the confiscation pursued a legitimate aim in the general interest, namely it sought to ensure that the use of the property in question did no procure for the applicant pecuniary advantage to the detriment of the community" (see Raimondo, cited above, §30"* (**Silickiene v Lithuania)**.

Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza **C.M. V France** (28078/95) tas-26 ta' Gunju 2001, fejn il-Qorti Ewropea kkonkludiet li 'l fatt li t-terz *in bona fide* kellu mezz kif jikkontesta konfiska, fih innifsu jissodisfa t-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

Hekk ukoll ir-riferenza ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni hi ghal kollox barra minn lokha in kwantu l-proceduri kriminali ttiehdu kontra l-konjugi Agius. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti sostniet li hemm nuqqas ta' certezza legali bejn dak li jipprovdi l-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 22A tal-Kap. 101[8]. Il-qorti ma taqbilx in kwantu:

(a) L-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali jitratta ordni ta' konfiska li ssir fis-sentenza finali, filwaqt li l-iffrizar tal-proprjeta tal-akkuzat (Artikolu 22A tal-Kap. 101) hi ordni temporanja li ssir waqt is-smiegh tal-proceduri kriminali u dan fl-interess generali;
(b) L-ordni ta' iffrizar tirrelata ghas-sekwestru f'idejn terzi tal-flejjes u mobbli li huma dovuti lil jew imissu lill-akkuzat jew ikunu proprjeta tieghu, kif ukoll milli l-akkuzat jiddisponi jew jittrasferixxi mobbli jew immobbli li huma proprjeta tieghu. Fil-kaz in ezami l-vettura hi proprjeta' tar-rikorrenti. Mela l-ordni ta' iffrizar ma japplikax.

Jekk ir-rikorrenti ser issibha difficli biex tezegwixxi t-titolu ezekuttiv minhabba l-konsistenza tal-patrimonju tal-konjugi Agius, din mhi htija ta' l-ebda wiehed mill-intimati.

Il-qorti tikkonkludi li l-ilmenti tar-rikorrenti ghal dak li jikkoncerna l-flus li nqabdu minghand il-konjugi Agius huma manifestament bla bazi.

**<u>Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti lmentat minn ksura tal-Artikolu 13 li jipprovdi:-

*"Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwithstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity"*.

---

[8] *"filwaqt illi l-artikolu 22A tal-Kap. 101 ihalli f'idejn id-diskrezzjoni tal-Qorti li fuq talba ta' xi terza persuna tirrilaxxa xi oggetti iffrizati jew li tali persuna tithallas mill-assi, fl-Artikolu 23 tal-Kap. 9 fejn jirrizulta li xi persuna estranea ghal dak id-delitt ikollha jedd ghal tali oggett, il-Qorti hija prekluza milli tikkonfiska"* (nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti).

Dan hu argument gdid li ma ssemmiex fir-rikors promotur. Fil-fehma tal-qorti ilment dwar ksur ta' dritt fundamentali m'ghandux jitressaq ghall-ewwel darba f'nota ta' sottomissjonijiet. Il-qorti ghandha tindirizza l-ilment tar-rikorrenti kif proposti fir-rikors promotur. F'kull kaz ir-rikorrenti, ghalkemm fil-proceduri kriminali m'hijiex il-persuna akkuzata, kellha rimedju sabiex titlob lill-qorti li tiehu l-pussess tal-vettura. Rimedju li fil-fatt utilizzat meta pprezentat ir-rikorsi fuq imsemmija, izda eventwalment irrizulta li abbandunat dik it-triq u minflok bdiet tinsisti ghar-rilaxx ta' flus tal-akkuzati.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi billi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:**

1) **Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur Generali Qrati u Tribunali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**
2) **Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali, tal-Prim'Ministru u Kummissarju tal-Pulizija.**
3) **Tilqa' l-eccezzjoni li ma gewx ezawriti ir-rimedji ordinarji fir-rigward tal-vettura BMW X5 Mr Big, b'dan li tichad l-eccezzjoni fir-rigward tal-flus li nqabdu minghand l-akkuzati u li eventwalment gew depozitati fil-Bank Centrali.**
4) **Tichad it-tieni talba.**
5) **Tichad it-tielet u raba' talba.**

**Spejjez a karigu tar-rikorrenti b'dan li l-ewwel tlett intimati ghandhom jaghmlu tajjeb ghal 10% tal-ispejjez taghhom**.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------